**11 ta' April, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Dr. Joseph Cassar Galea LL.D.

**Kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali - Preskrizzjoni - Avukat Ġenerali - Kwerela**

*F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja illiberat lill-akkużat peress li l-azzjoni kienet preskritta. L-Avukat Ġenerali appella minn din id-deċiżjoni in vista tal-fatt li l-Ewwel Qorti "arrogat lilha nnifisha kompetenza li f'daka l-istadju ma kellhiex u ddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod li lliberat assolutament lill-imputat mill-akkużi kontrih dedotti". Id-difiża eċċepiet l-inappellabilità tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti*

*Istruttorja għat-tenur ta' l-artikolu 413 (2) tal-Kodiċi Kriminali (Illum 401 (2)) u sostniet li r-rimedju li talvolta kien jispetta lill-prosekuzzjoni kien dak ipprovdut fl-artikolu 445 (3) ta' l-istess Kodiċi (illum 433(3)) u mhux dak ipprovdut mill-artikolu 425 (illum 413).*

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, qabel xejn, spjegat x'rimedju għandu l-Avukat Ġenerali f'każ ta' deċizjoni ta' din il-Qorti.*

*Jekk l-Ewwel Qorti tkun merament, wara li tikkompila l-provi, waslet għall-konklużjoni li m'hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u ordnat il-liberazzjoni tiegħu fis-sens u fit-termini ta' l-artikolu 413 (2) tal-Kodiċi Kriminali, allura l-Avukat Ġenerali m'għandux ir-rimedju ta' appell fit-termini ta' l-artikolu 425 ta' l-istess Kodiċi, iżda jaġixxi biss taħt l-artikolu 445 (3).*

*Jekk però mid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti jkun evidenti li dik il-Qorti tkun neżgħet il-vesti tagħha ta' Qorti Istruttorja u libset dik ta' Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'mod li l-Avukat Ġenerali jkun ġie impedut milli jeżerċita l-fakultajiet li tagħtih il-liġi u b'mod li dik is-sentenza tista' tiġi opposta bħala ġudikat, allura l-Avukat Ġenerali għandu ċertament id-dritt ta' appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kompliet tispjega x'inhija preċiżament il-funzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u x'limitazzjonijiet huma ssenjati mill-istess liġi għal dawk il-funzjonijiet. Il-funzjonijiet u poteri tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Istruttorja kif stabbiliti u delimitati mill-Kodiċi Kriminali ma jħallux lok għal dubbju. Dik il-Qorti bħala Qorti ta' Istruttorja mhix ħaġa oħra ħlief strument f'wieħed mill-istadji tas-sistema akkużatorja tagħna u għalhekk hu importanti li ma jkunx hemm invażjoni tal-mansjonijiet li l-liġi tirriserva lil ħaddieħor. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruttorja għandha primarjament il-funzjoni li tiġbor il-provi u tiddeċidi jekk hemmx raġunijiet*

*bizzejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża.*

*Jekk f'għeluq il-kumpilazzjoni dik il-Qorti tkun tal-fehma li m'hemmx raġunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża tista' biss tagħmel waħda minn żewġ affarijiet:*

*Tista' fl-ewwel lok jekk jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali imma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u li għalih l-azzjoni ma tmissx lill-parti offiża, tagħti s-sentenza fuq ir-reat skond l-artikolu 389 (illum 377) tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-attijiet flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġi mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 413 (3) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ dik il-Qorti tkun iddeċidiet mhux bħala Qorti ta' Istruttorja izda bħala Qorti ta' Ġudikatura u jkun hemm dritt ta' appell fit-termini ta' l-artikolu 425 ta' l-istess Kodiċi.*

*Fit-tieni lok tista' sempliċement tordna l-liberazzjoni ta' l-imputat u tibgħat l-attijiet tal-kumpilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mad-delitt lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-liġi.*

*F'dawn iż-żewġ każijiet l-Avukat Ġenerali għandu funzjonijiet speċjali u partikolari rriservati għalih hekk kif appena jirċievi l-atti msemmija. Meta l-Ewwel Qorti però timxi skond l-artikolu 413 (2) ma tkunx qed tiddeċidi l-każ definittivament u l-liġi ma tridx li dik il-Qorti bħala Qorti ta' Istruttorja tiddeċidi hi l-każ definittivament ħlief jekk qabel tiddeċidi li r-reat hu ta' kompetenza esklussiva tagħha u tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura. Altrimenti m'hemmx alternattiva ħlief li sempliċement tiddeċidi fit-termini ta' l-artikolu 413 (2) b'mod li tħalli l-Avukat Ġenerali jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu li f'dan il-kamp ġew ekwiparati għal dawk ta'* Chief Magistrate *bil-libertà kollha li l-istess liġi stabbiliet.*

*Il-funzjonijiet tal-Qorti Istruttorja ma jinkludux id-dritt li tiddeċidi fuq kwistjoni bħal ma hi dik tal-preskrizzjoni estentiva ta' l-azzjoni.*

*Dana għaliex hu evidenti minn dak li jipprovdi l-leġislatur illi Qorti li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi eċċezzjoni ta' preskrizzjoni trid tkun neċessarjament Qorti li għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni u tiddeċidi l-akkuża fil-meritu. Jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiġi akkolta twassal bla dubbju għall-*final acquittal. *Il-liġi tipprovdi dwar l-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali u din neċessarjament tiġi deċiża minn dik il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-meritu. Għalhekk Qorti li mhix investita b'ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-meritu, lanqas ma jista' jkollha ġuridizzjoni tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni dwar estinzjoni tal-meritu.*

*Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali osservat li, in vista tal-fatt li deċiżjoni ta' Qorti Istruttorja tista' tkun biss* discharge *u mhux* final acquittal, *fil-każ in diżamina l-Qorti Istruttorja kkonvertiet ruħha f'waħda ta' Ġudikatura u ddeċidiet definittivament il-kawża, ħaġa li ma setgħetx tagħmel. Għaldaqstant, ma jistax ikun hemm dubbju li l-Avukat Ġenerali seta' jinterponi appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Sakemm il-Qorti ta' Istruttorja ma tiddikjarax li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali imma ta' kompetenza tagħha (artikolu 415 - illum 414), jew inkella sakemm il-proċess ma jkunx mibgħut mill-Avukat Ġenerali fit-terminu ta' l-artikolu 445 (5) (illum 433 (5)) jew 382 (illum 370) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti Istruttorja kull ma għandha tagħmel hu li tiddeċidi jekk hemmx raġunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew le.*

*L-artikolu 445 (3) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi fiż-żmien stabbilit wara li l-Qorti ta' Istruttorja tkun waslet għall-konklużjoni li m'hemmx raġunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża u tkun illiberatu, l-Avukat Ġenerali jista' joħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna illiberata jekk l-Imħallef li jkun skond dak l-artikolu qabel miegħu li hemm raġunijiet bizzejjed biex joħroġ att ta' akkuża. Dan evidentement juri illi lanqas f'dik li hi deċiżjoni li ma hemmx raġunijiet*

*bizżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża l-leġislatur ma ta poter assolut lill-Qorti Istruttorja u f'dan is-sens toħroġ waħedha l-konkluzjoni li taħt ebda ċirkostanza ma tista' l-Qorti Istruttorja tiddeċidi b'mod illi ħaddieħor ikollu jdejh marbuta.*

*L-artikolu 445 (3) mhux appell izda biss ezerċizzju ta' l-Avukat Ġenerali li f'dan il-kaz għandu funzjoni li hi superjuri għal dik tal-Qorti Istruttorja. Appena jirċievi l-atti tal-kumpilazzjoni għandu ukoll funzjoni ġuridika. Jista', anke jekk il-Qorti Istruttorja tkun qalet li hemm raġunijiet bizzejjed biex joħroġ l-att ta' akkuza, jordna minflok in-nulla prosegwi. Jista' ma joħroġ ebda att ta' akkuża u jirrimetti lill-Qorti ta' Istruttorja biex tiddeċidi hi l-kawza jekk ikun il-każ u skond il-liġi. Jista' ukoll jekk il-Qorti Istruttorja tkun illiberat taħt l-artikolu 413 (2) ma jieħu ebda provvediment billi jibqa' passiv. Għaldaqstant il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Istruttorja hi limitata u ċirkoskritta u d-deċiżjoni tagħha soġġetta għall-iskrutinju ta' l-istess Avukat Ġenerali.*

Il-Qorti:-

B'att ta' ċitazzjoni ddatat 1 ta' Novembru, 1983 l-Avukat Joseph Ferdinand Cassar Galea tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta akkużat talli f'dawn il-ġżejjer għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firmi, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-attijiet jew skritturi wara li jkunu ġew iffirmati, inkella billi żied jew biddel klasoli, dikjarazzjonijiet jew fattijiet illi dawk l-attijiet jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw liema falsisikazzjoni saret għall-ħabta ta' Jannar, 1958 fil-prokura ddatata 30 ta' Jannar, 1958 u li ġġib il-firma ta' Joseph Spiteri u għall-ħabta ta' Diċembru, 1959 fil-kuntratt ta' trasferiment b'titolu ta'

enfitewsi perpetwa ta' biċċa art jew spazju bejn bini li jagħti għal fuq il-baħar f'San Ġorġ ta' Birżebbuġa, Triq Cachia Zammit, tal-kapaċità superfiċjali ta' circa mija u erbgħin qasba kwadra (140) ippubblikat minn Francis Micallef, Nutar, fil-31 ta' Diċembru, 1959, u aktar talli għamel użu mhux sewwa minn xi karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi ħsieb ta' qligħ, kiteb fuqha xi ħaġa li tkun ta' ħsara għal persuna oħra, jew, bl-istess ħsieb żied fuq karta in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola liema użu mhux sewwa sar għall-ħabta ta' Jannar, 1958 bil-prokura ddatata 30 ta' Jannar, 1958 li ġġib il-firma ta' Joseph Spiteri, kif ukoll talli b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża, dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ li jaqbeż il-ħames mitt lira bi ħsara ta' ħaddieħor u dana fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni u permezz tal-kuntratt ta' trasferiment b'titolu ta' enfitewsi perpetwa ta' biċċa art jew spazju bejn bini li jagħti għal fuq il-baħar f'San Ġiorġ ta' Birżebbuġa, Triq Cachia Zammit, tal-kapaċità superfiċjali ta' circa mija u erbgħin qasba kwadra (140), ippubblikat minn Nutar Francis Micallef fil-31 ta' Diċembru, 1959;

Rat a fol. 14 tal-proċess il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu, 1984, miżmuma quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti minn fejn jirriżulta illi l-imputat permezz tad-difensur tiegħu eċċepixxa li l-azzjoni kriminali messha kontrih kienet preskritta a tenur ta' l-artikoli 686 u 689 tal-Kodiċi Kriminali. Mill-istess verbal jirriżulta ukoll illi l-Prosekuzzjoni rribattiet billi sostniet illi l-artikolu applikabbli huwa l-artikolu 687 tal-Kodiċi Kriminali;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' l-istess Qorti msemmija ta' l-istess jum ċjoè tas-27 ta' Marzu, 1984 li biha filwaqt li għamlet referenza għal dak li ntqal minnha fid-digriet tagħha msemmi ta' l-istess ġurnata dwar id-dritt tagħha li tiddikjara l-preskrizzjoni ddeċidiet li l-azzjoni hija preskritta u wara li rat l-artikolu 413 tal-Kodiċi Kriminali peress li l-azzjoni hija preskritta ddikjarat li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitiqegħed taħt att ta' akkuża u għalhekk ordnat il-liberazzjoni tiegħu u ordnat illi l-attijiet kollha tal-kumpilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-allegat delitt jiġi mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol u dan wara li dik il-Qorti kkunsidrat kif ġej:

"Wara li ngħalqet il-kumpilazzjoni a tenur ta' l-artikolu 413 u 689 tal-Kodiċi Kriminali tħoss li l-azzjoni kontra l-imputat hija preskritta. Infatti, dan jirriżulta ċar minn eżami akkurat tal-kapijiet ta' l-akkuża u l-artikolu 683 tal-Kapitolu 12 kif ukoll mid-deposizzjonijiet li semgħet il-Qorti;

Dwar il-preskrizzjoni l-prosekuzzjoni fin-nota tagħha ppreżentata fit-12 ta' Marzu, 1984 ibbażat fuq l-artikolu 687 li jsemmi li ż-żmien tal-prosekuzzjoni għad-delitt ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf. L-ewwel ħjiel li seta' kellha l-pulizija dwar id-delitt kien fil-21 ta' Marzu, 1981 fil-fehma tal-prosekuzzjoni din hi d-data minn meta għandu jibda jiddekorri dan it-terminu;

Id-difiża sostniet l-oppost u din il-Qorti taqbel mat-teżi tad-difiża għal dawn ir-raġunijiet. L-ewwelnett il-liġi stess titkellem li ż-żmien ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf u mhux meta ma jkunx magħruf l-eżistenza tad-delitt. Il-Professur Mamo fin-nota tiegħu jikteb (Vol. III, p. 33) "*even when the authorities or the person in whom the action is vested are in fact prevented from instituting proceedings, either*

*because the commission of the offence is ignored, or because the offender has absconded, or on account of any othe legal impediment to the exercise of the criminal action, the prescription should run all the same in virtue of the principle upon which it is founded. To this theoretical reasoning our Code had made an important exception. Section 687 lays down that ... The word unknown has been constructed and meaning a total and absolute ignorance of the identity of the offender and not difficulty of commencing of the crime a person reasonably suspected of being the offender*". Infatti fil-Qorti Kriminali f'**Rex *vs* Giovanni Buhagiar**, 26.10.1906 - issemma li jrid ikun hemm "*ignoranza assoluta dell'autore di un delitto*";

Però l-aktar każ klassiku applikabbli għall-każ in eżami hu ċertament dak tal-Qorti ta' l-Appell tal-11 ta' Settembru, 1922 (Vol. XXV - IV - 936) **Neg. Luigi Formosa *vs* Carmelo Zarb Cousin** fejn il-Qorti rriteniet li dan l-artikolu jrid jiġi interpretat bl-aktar mod strett u r-regola ma tapplikax fejn id-delitt stess mhux magħruf jew għall-prosekuzzjoni jew għall-kwerelanti "*nondimeno la prescrizione come se è ignota l-ezistenza del delitto*". Din is-sentenza hija kkwotata mill-ġà msemmija nota tal-Professur Mamo u aktar fil-Cremona fir-*Raccolta della Gurisprudenza del Codice Penale*, paġni 754 u 755 kif ukoll fl-Annotazzjonijiet tal-Maġistrat Bartoli. Ara ukoll f'dan ir-rigward **Zarb *vs* Garmine**, 3.5.1926 (Vol. XXVI-IV-875) u Appell Kriminali, **Pol. *vs* Sac. Angelo Grima**, 30.10.1894 (Vol. XIV, p. 403), kif issemma tajjeb fin-nota ta' l-Avukat difensur is-sospensjoni tad-dekorriment tat-terminu tal-preskrizzjoni ġiet limitata biss għall-każ meta ma jkunx magħruf il-kolpevoli bl-emendi introdotti bl-Ordinanza IX ta' l-1900. Dan il-punt hu ukoll imsemmi fl-Annotazzjonijiet ta' Bartoli. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel ukoll referenza għall-argumenti msemmija fin-nota ta' l-Avukat Difensur";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali li permezz

tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza msemmija li biha l-imputat ġie lliberat a bażi ta' preskrizzjoni, kif ukoll tbiddel id-deċiżjoni li biha l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tħalliet biex tiġi deċiża f'għeluq il-kumpilazzjoni tal-provi billi, filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn iddeċidiet li tkompli bis-smigħ tal-provi, tħassaraha, tannullha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddeċidiet li tħalli l-kwistjoni tal-preskrizzjoni biex tiġi deċiża f'għeluq il-kumpilazzjoni tal-provi u konsegwentement tibgħat il-kawża biex titkompla skond il-liġi;

Il-bażi ta' l-appell skond l-istess appellant hu li d-deċiżjonijiet appellati jikkontjenu enunzjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi kif ukoll billi l-Ewwel Onorabbli Qorti ddeċidiet ħażin meta ddikjarat l-azzjoni estinta f'għeluq il-kumpilazzjoni. B'mod aktar partikolari fi kliem l-appellant stess l-aggravju tiegħu jikkonsisti filli "l-Ewwel Onorabbli Qorti arrogat lilha nnfisha komeptenza li f'daka l-istadju ma kellhiex u ddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod li lliberat assolutament lill-imputat mill-akkużi kontrih dedotti. Jiġi għalhekk li mhux biss dik il-Qorti lliberat lill-imputat minħabba l-estinzjoni ta' l-azzjoni, iżda interpretat u applikat ħażin il-liġi b'mod li assumiet kompetenza li qatt ma kellha jew seta' jkollha";

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn ser jiġi pprećiżat illi dak li qed isostni l-appellant bħala aggravju u fir-rigward ta' l-ewwel waħda mid-deċiżjonijiet appellati huwa kien issottomettih fin-nota ta'

osservazzjonijiet tiegħu aktar 'il fuq imsemmija. Inoltre, l-Ewwel Onorabbli Qorti, fid-digriet tagħha, imsemmi f'dan ir-rigward kienet ippronunzjat ruħha kif ser jingħad:

"Illi minn eżami ċar tal-liġi, ġurisprudenza, kotba ta' awtur u l-istess noti (i.e. nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet) jidher ċar li l-ewwel irid isir ir-rapport bil-ġurament ta' l-uffiċjal tal-pulizija, l-eżami ta' l-imputat (mingħajr ġurament), il-kwistjoni li jekk din il-Qorti għandhiex tisma l-provi u jekk wara jidher preskritt tagħmel dak li hemm imsemmi fl-artikolu 413 jew mill-ewwel tiddeċidi fuq il-preskrizzjoni. Din il-Qorti hi tal-fehma li l-avukat tar-repubbblika għandu bażikament raġun fis-sottomissjonijiet tiegħu kif imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 hawn fuq: Però Qorti Istruttorja m'għandhiex funzjonijiet sempliċement li tiġbor dak kollu li l-prosekutur jogħġbu jagħżel. Infatti, provi li fil-liġi huma inammissibbli għandhom jiġu esklużi mill-istess Qorti. Però meta tingħalaq il-kumpilazzjoni din il-Qorti għandha poteri li tiġġudika kif jidher ċar mill-artikolu 413 u 415 u ċjoè l-fakoltà li tiddeċidi:

Jekk hemm jew ma hemmx raġunijiet suffiċjenti biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

Li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, imma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Jekk hux il-każ li tordna l-liberazzjoni. Meta tingħalaq il-kumpilazzjoni din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet li jekk jaffettwaw id-deċiżjoni tagħha taħt dak ipprovdut fl-artikoli 413 u 415 jkollhom effett sostanzjali. Il-fatt li ma hemmx appell dirett imsejjaħ bħala tali mhux raġuni suffiċjenti biex wieħed jargumenta li għalhekk din il-Qorti m'għandhiex dan il-poter; infatti dak li hemm ipprovdut fl-

artikolu 445 huwa forma ta' appell għalkemm mhux il-forma solita tiegħu;

Minn naħa l-oħra din il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiża li din il-Qorti m'għandhiex tisma' l-provi tal-prosekuzzjoni u dan l-ewwelnett għax kif jidher ċar mit-test tal-liġi dawn il-poteri speċifiċi li l-Qorti tordna l-liberazzjoni jispettaw lill-Qorti meta tingħalaq il-kumpilazzjoni. Il-prosekuzzjoni għandha jkollha l-fakoltà li tagħmel il-provi kollha tagħha qabel ma l-Qorti tiġġudika jekk hemmx preskrizzjoni jew le u dan għax altrimenti hemm il-possibilità li l-Avukat tar-Repubbblika jew wieħed mill-Imħallfin imsemmija fl-artikolu 445 ma jkunux fil-posizzjoni li jistgħu jagħmlu dmirhom kif titlob il-liġi;

Din il-Qorti għandha l-obbligu li tistitwixxi l-każ; spiss jiġri li l-prosekuzzjoni fil-kors ta' kumpilazzjon tinduna b'dati żbaljati fl-akkuża jew ukoll iżżid fl-akkuż imputazzjonijiet ġodda u dejjem ġie ritenut li f'dan l-istadju l-prosekuzzjoni għandha d-dritt li tagħmel dan. Għalhekk jekk din il-Qorti ma tħallix lill-prosekuzzjoni li tagħmel il-provi tagħha tkun qiegħda ittellef parti mill-fakoltà mogħtija lill-prosekuzzjoni";

Ikkunsidrat:

Illi fis-seduta ta' l-10 ta' April, 1984 quddiem din il-Qorti, Dr. Guido de Marco għall-appellat Dr. Cassar Galea, eċċepixxa l-inappellabilità tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Istruttorja għat-tenur ta' l-artikolu 413 (2) tal-Kodiċi Kriminali u li r-rimedju li talvolta kien jispetta lill-prosekuzzjoni kien dak ipprovdut fl-artikolu 445 (3) ta' l-istess Kodiċi. Inoltre, eċċepixxa ukoll illi għal dak li jirrigwarda l-possibilità ta' l-appell taħt l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali, l-appell prevvist mill-Avukat Ġenerali huwa minn sentenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u għalhekk id-

deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Istruttorja a bażi ta' l-artikolu 413 (2) ta' l-istess Kodiċi ma jistax jiġi kkunsidrat bħal sentenza mogħtija minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma tgħaddi biex teżamina l-kwistjonijiet kollha relattivi għall-appell interpost kif ukoll għall-eċċezzjonijiet li ġew issollevati din il-Qorti trid tosserva li dan hu każ li hu ta' ċerta importanza kemm għax minn dak li setgħet tikkonstata din il-Qorti qatt qabel ma kienet inqalgħet kwistjoni li tista' ssejjħila simili għal din in diżamina kif ukoll għaliex kif ifformulati d-deċiżjonijiet appellati, ir-rikors ta' l-appell u l-eċċezzjonijiet ta' l-appellati, ir-rikors ta' l-appell u l-eċċezzjonijiet ta' l-appellat hemm varjetà sħiħa ta' prinċipji legali li huma ta' ċerta portata u li din il-Qorti bilfors ser ikollha tidħol fihom.

Senjatament ser jingħad x'inhija preċiżament il-funzjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Istruttorja u x'limitazzjonijiet huma senjati mill-istess liġi għal dawk il-funzjonijiet. Ser jingħad ukoll kif l-Istruttorja tinkwadra ruħha fl-*iter* tal-proċess kriminali li fih għandhom ukoll parti importantissima l-Qorti Kriminali u l-Avukat Ġenerali u kemm hu importanti li kollox isir minn min u kif tikkontempla l-liġi biex ma jkunx hemm konfużjoni ta' doveri u poteri. Dan għax altrimenti tista' tiġi kkreata sitwazzjoni fejn ċerti istituzzjonijiet li għalihom il-leġislatur irriserva poteri speċjali jistgħu jiġu reżi importanti jew addirittura maħruġa 'l barra mill-proċess kriminali meta l-liġi evidentement ma tridx li jsir dan;

Ikkunsidrat:

Illi minn dak kollu li ngħad s'issa jidher ċar li hemm żewġ kwistjonijiet li jirrigwardaw ir-ritwalità ta' l-appell interpost u kwistjoni ulterjuri f'każ li l-appell hu ritwali u validu li tikkonċerna r-ritwalità tad-deċiżjonijiet appellati;

Illi din il-Qorti sejra fl-ewwel lok tinvesti l-kwistjoni jekk l-Avukat Ġenerali fil-każ in diżamina setax jappella kif għamel fit-terminni ta' l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali jew jekk setax biss fiċ-ċirkostanzi jirrikorri għar-rimedji li jikkontempla l-artikolu 445 (3) ta' l-istess Kodiċi;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 445 (3) tal-Kap. 12 jiddisponi illi "l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien xahar minn dak in-nhar li jkunu ġew lilu mibgħuta l-attijiet tal-kumpilazzjoni, joħroġ mandat taħt il-firma tiegħu għall-arrest ta' persuna lliberata mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, meta huwa u wieħed mill-Imħallfin, barra minn Imħallef li ordinarjament joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali jew Imħallef li ordinarjament joqgħod fil-Qorti Kriminali jkun jidhrilhom li hemm raġunijiet biżżejjed biex dik il-persuna tiġi mqiegħda taħt att ta' akkuża; u f'dan il-każ, iż-żmien għall-preżentata ta' l-att ta' l-akkuża jibda jgħodd minn dak in-nhar ta' l-arrest";

Illi din il-Qorti kif ippresjedut diġà kellha opportunità tidħol fi kwistjoni simili fil-kawżi **Il-Pulizija *vs* Joseph Vella** u **Il-Pulizija *vs* Alfred Debono**, deċiżi fl-1 u fit-2 ta' Settembru, 1983 rispettivament. Minn eżami ta' dawn iż-żewġ sentenzi ta' din il-Qorti, il-posizzjoni legali tidher li hi din u ċjoè:

Jekk l-Ewwel Qorti tkun merament wara li tikkompila l-provi waslet għall-konklużjoni li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u ordnat il-

liberazzjoni tiegħu fis-sens u fit-termini ta' l-artikolu 413 (2) tal-Kap. 12 allura l-Avukat Ġenerali m'għandux ir-rimedju ta' appell fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kap. 12 iżda jaġixxi biss taħt l-artikolu 445 (3) ta' l-istess Kodiċi;

Jekk però mid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti jkun evidenti li dik il-Qorti tkun neżgħet il-vesti tagħha ta' Qorti ta' Istruttorja u libset dik ta' Qorti ta' Kriminali Ġudikatura b'mod illi l-Avukat Ġenerali jkun ġie impedut milli jeżerċita l-fakultajiet li tagħtih il-liġi u b'mod li dik is-sentenza tista' tiġi opposta bħala ġudikat allura l-Avukat Ġenerali għandu ċertament id-dritt ta' appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-każ it-tieni deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tħallix dubbju dwar x'ġie sewwa sew deċiż biha;

Illi minn eżami tad-diversi disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodiċi Kriminali tagħna din il-Qorti ma għandhiex dubbju dwar xi kwalità ta' liberazzjoni trid tkun dik li takkorda l-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Istruttorja. Infatti, dik il-liberazzjoni ma tistax tkun dik li tekwivali għal *final acquittal* dana għaliex l-artikoli 416 u 446 tal-Kodiċi Kriminali ma jħallux dubbju dwar dan;

It-tieni deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti però ma tekwivalax għal *discharging* fis-sens ta' l-artikolu 413 (2) tal-Kap. 12 iżda għal *final acquittal* fil-veru sens tal-kelma u għalhekk ma jistax ikun hemm dubbju li l-Ewwel Onorabbli Qorti li kienet qed tikkonduċi kumpilazzjoni ta' provi bħala Qorti ta' Istruttorja kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura u ddeċidiet definittivament f'ċertu sens il-kawża;

A bażi ta' dan għalhekk, ma jista' jkun hemm dubbju li l-Avukat Ġenerali seta' jinterponi appell fil-limiti u fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kap. 12. Anzi jista' jingħad ukoll illi bid-deċiżjoni tagħha, kif jiġi spjegat aktar 'il quddiem, l-Ewwel Qorti prattikament irrendiet lill-Avukat Ġenerali impotenti f'dik li hi possibilità ta' applikazzjoni ta' l-artikolu 445 (3) tal-Kap. 12;

Sorpassat dan l-ewwel ostakolu din il-Qorti sejra issa tiddeċidi jekk l-appell interpost hux ritwali fil-limiti u termini ta' l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Ġenerali appellat qed isostni illi qed jappella għaliex id-deċiżjonijiet appellati huma ibbażati fuq u jikkontjenu enunzjazzjoni ħażina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi kif ukoll billi l-Ewwel Qorti ddeċidiet ħażin meta ddikjarat l-azzjoni estinta f'għeluq il-kumpilazzjoni;

Illi, anke din il-kwistjoni ma tistax ħlief tiġi deċiża favur ir-ritwalità ta' l-appell interpost;

Premess illi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ġie ppreżentat fit-terminu stabbilit mil-liġi l-istess hu ritwali fil-limiti ta' l-artikolu 425 tal-Kap. 12. Infatti, l-istess artikolu fis-subartikolu (1) (iv) subinċiż (iii) jagħtih dritt ta' appell lill-Avukat Ġenerali meta l-imputat jiġi lliberat minħabba estinzjoni ta' l-azzjoni u diġà ngħad illi t-tieni deċiżjoni appellata din il-Qorti tqisha bħala waħda mogħtija minn Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u mhux bħala Qorti ta' Istruttorja;

Stante li bl-artikolu 427 (4) tal-Kap. 12 l-appell mill-meritu tal-kawża jġib miegħu l-appell mid-digrieti

interlokutorju jkun eżerċizzju inutili li f'dan l-istadju din il-qorti toqgħod tikkunsidra anke kienx hemm ukoll enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi li del resto ser tiġi *ut sic* ikkunsidrata fl-aħħar parti ta' din is-sentenza;

Għalhekk qed jiġi deċiż li l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali hu ukoll ritwali fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kodiċi Kriminali;

Stabbilit dan kollu din il-Qorti issa ser tgħaddi biex teżamina l-meritu ta' l-appell interpost;

Ikkunsidrat:

Illi t-teżi ta' l-Avukat Ġenerali hi li l-Ewwel Qorti arrogat lilha nfisha kompetenza li f'daka l-istadju ma kellhiex u ddeċidiet fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni b'mod li lliberat assolutament lill-imputat mill-akkużi kontrih dedotti. Jiġi għalhekk li mhux biss dik il-Qorti lliberat lill-imputat minħabba l-estinzjoni ta' l-azzjoni iżda interpretat u applikat ħażin il-liġi b'mod li assumiet kompetenza li qatt ma kellha jew seta' jkollha;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax ikun hemm dubbju dwar il-fondatezza ta' l-appell interpost u dan mhux fuq konsiderazzjoni waħda iżda fuq diversi li lkoll ser jissemmew għax ilkoll importanti;

Fl-ewwel lok jiġi osservat li l-funzjonijiet u poteri tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-PulizijaĠudizzjarja bħala Qorti ta' Istruttorja kif stabbiliti u delimitati mill-Kodiċi Kriminali ma jħallux lok għal dubbju. Dik il-Qorti, bħala Qorti ta' Istruttorja mhix ħaġ'oħra ħlief strument f'wieħed mill-istadji tas-sistema akkużatorja tagħna u għalhekk hu importanti li ma

jkunx hemm invażjoni tal-mansjonijiet li l-liġi tirriserva lill-ħaddieħor. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Istruttorja għandha primarjament il-funzjoni li tiġbor il-provi u tiddeċidi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Għalhekk essenzjalment għalkemm f'ċertu sens trid bilfors tidħol fil-meritu tal-każ kif jgħid il-Professur Sir A. Mamo, fin-noti tiegħu (Vol. III, p. 122) "*this court is not a court of trial but a court of enquiry. In other words its function is not that of "deciding" on the merits of the charges brought before it with a view to convicting and sentencing the accused person, but that of collecting and conserving the evidence and computing the record which may eventually serve as the basis for the trial before the Criminal Court*";

Hekk f'għeluq il-kumpilazzjoni dik il-Qorti tkun tal-fehma li mhumiex raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża tista' biss tagħmel waħda minn żewġ affarijiet. Tista' fl-ewwel lok, jekk jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali imma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u li għalih l-azzjoni ma tmissx lill-parti offiża, tagħti s-sentenza fuq ir-reat skond l-artikolu 389 tal-Kap. 12 u tordna li l-attijiet flimkien ma' kopja tas-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 413 tal-Kap. 12. F'dan il-każ dik il-Qorti tkun iddeċidiet mhux bħala Qorti ta' Istruttorja iżda bħala Qorti ta' Ġudikatura u jkun hemm dritt ta' appell fit-termini ta' l-artikolu 425 tal-Kap. 12. Fit-tieni lok tista' sempliċement tordna l-liberazzjoni ta' l-imputat u tibgħat l-attijiet tal-kumpilazzjoni flimkien ma' l-oġġetti li jkollhom x'jaqsmu mad-delitt lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien li trid il-liġi. Fiż-żewġ każijiet l-Avukat Ġenerali għandu funzjonijiet speċjali u partikolari riservati għalih hekk kif appena jirċevi l-atti msemmija. Meta l-Ewwel Qorti però timxi skond l-artikolu 413 (2) ma tkunx qed tiddeċidi l-każ definittivament u l-liġi ma tridx li dik il-Qorti bħala Qorti ta' Istruttorja tiddeċidi hi l-każ

definittivament ħlief jekk qabel tiddeċidi li r-reat hu ta' kompetenza esklussiva tagħha u tikkonverti ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura. Altrimenti m'hemmx alternattiva ħlief li sempliċement tiddeċidi fit-termini ta' l-artikolu 413 (2) b'mod li tħalli l-Avukat Ġenerali jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu li f'dan il-kamp ġew ekwiparati għal dawk ta' *Chief Magistrate* bil-libertà kollha li l-istess liġi stabbiliet;

Issa x'ġara fil-każ in diżamina?

Ġara l-ewwelnett li l-Ewwel Onorabbli Qorti lliberat definittivament lill-imputat minn akkużi li ma kinux ta' kompetenza esklussiva tagħha. Infatti, l-akkużi baqgħu kif kienu oriġinarjament u kif kienu ma jistax ikun hemm dubbju li ma kinux ta' kompetenza esklussiva tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura;

Ġara li dik l-Onorabbli Qorti ddeċidiet kif iddeċidiet mingħajr ma espressament ikkonvertiet ruħha bħala Qorti ta' Ġudikatura anzi tat x'wieħed jifhem li kienet qed iżżomm il-vesti tagħha ta' Qorti ta' Istruttorja;

Ġara għalhekk li fl-istess waqt li dik il-Qorti ma kellha xejn x'jindikalha li l-akkużi dedotti setgħu kienu ta' kompetenza esklussiva tagħha ddeċidiet bħallikieku kienet hi l-Qorti kompetenti li tiddetermina l-każ. Fil-fatt dan ma setgħetx tagħmlu kemm għax ma kinitx il-Qorti kompetenti kif ukoll għaliex kif ser jiġi spjegat fil-funzjoni tagħha bħala Qorti ta' Istruttorja ma tinkludix ukoll id-dritt li tiddeċidi fuq kwistjoni bħal ma hi dik tal-preskrizzjoni estentiva ta' l-azzjoni;

Ġie sottomess fl-istadju tat-trattazzjoni illi kif kien ġie deċiż mill-Qorti Kriminali kolleġġjali fis-6 ta' Frar, 1933 in re **Sua Maesta il Re** ***vs*** **Carmelo Hampton** "*l-espressione*

*adoperata del disposto di legge suddetto "se non vi sono ragioni per fare sottostare l'imputato a un atto di accusa" è assai comprensiva, e inchirade non soltanto il giudizio che le prove sono insufficienti a sostanziare l'accusa, ovvero sono dimostrattivi della innocenza dell'incolpato, ma anche quello intorno alla asssenza di elementi indispensabili per la promozione e il mantenimento della istanza*";

Illi din il-Qorti m'għandhiex dubbju mill-validità ta' dak li ntqal f'dik is-sentenza però ma tħossx li l-istess *dictum* jista' jservi biex jagevola t-teżi ta' l-appellat f'din il-kawża. Altru elementi indispensabbli għall-pronunzjoni u l-manteniment ta' l-istanza bħal ma hi l-kwerela u altru preskrizzjoni li hija kawża ta' estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali. Dana għaliex hu evidenti minn dak li jipprovdi l-leġislatur illi Qorti li tieħu konjizzjoni ta' u tiddeċidi eċċezzjoni ta' preskrizzjoni trid tkun neċessarjament Qorti li għandha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni u tiddeċidi l-akkuża fil-meritu. Fil-każ in diżamina bl-akkużi kif inhuma l-Ewwel Onorabbli Qorti, bħala Qorti ta' Istruttorja, ma kellha qatt il-poter li ssib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u għalhekk daqstant ieħor ma kellhiex il-poter li tilliberah minnhom u peress li l-preskrizzjoni jekk akkolta twassal bla dubbju ta' xejn għall-*final acquittal* dik il-Qorti ma setgħetx tidħol fiha sakemm ir-reati dedotti ma jsirux ta' kompetenza tagħha. Il-liġi tipprovdi dwar l-eċċezzjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni kriminali u din neċessarjament tiġi deċiża minn dik il-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni fuq il-meritu. Fil-każ tal-kwerela l-każ hu differenti għalkemm ukoll mhux kompletament. Dana għaliex il-każ ta' Hampton lanqas ma jista' jfisser illi l-Qorti ta' Istruttorja f'każ simili għandha jew tista' tillibera lill-imputat f'sens ta' *acquittal.* Anzi wara li eżaminat dik is-sentenza din il-Qorti hi tal-fehma li dak li kien intqal fiha kien illi jekk il-Qorti ta' Istruttorja jidhrilha li tonqos il-kwerela tista' tgħaddi biex tgħid li m'hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u tilliberah imma tilliberah

fis-sens limitat li diġà ingħad u mhux fis-sens ta' *final acquittal*. Dan il-fatt jemerġi ċar ħafna minn dik is-sentenza speċjalment meta wieħed jikkunsidra sewwa l-fatti u ċirkostanzi partikolari tagħha;

Ġie sottomess ukoll illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kriminali mhix eċċezzjoni tal-parti iżda waħda ta' ordni pubbliku u tiġi ssollevata mill-Qorti *ex officio* meta tirrikorri għax toqtol l-azzjoni;

Illi apparti mill-fatt li fil-każ in diżamina l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx issollevata mill-Qorti *ex officio* iżda ngħatat formalment mill-appellat dak li qed isostni l-appellat hu veru però jista' japplika biss għal dik il-Qorti li tkun vestita bil-ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-meritu għax altrimenti tkun sempliċement qed tużurpa l-poteri ta' awtorità oħra. Dana għax kif ġà ngħad Qorti li mhix investita b'ġurisdizzjoni li tieħu konjizzjoni tal-meritu lanqas ma jista' jkollha ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni dwar estinzjoni tal-meritu. Din il-Qorti hi konvinta illi sakemm il-Qorti ta' Istruttorja ma tiddikjarax li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali imma ta' kompetenza tagħha (artikolu 415) jew inkella sakemm il-proċess ma jkunx mill-Avukat Ġenerali fit-terminu ta' l-artikolu 445 (5) jew 382 tal-Kap. 12 il-Qorti Istruttorja kull ma għandha tagħmel hu li tiddeċidi jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża jew le u kwalunkwe eċċezzjoni ta' estinzjoni ta' l-azzjoni ma taqax fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja imma fil-kompetenza tal-Qorti li jkollha ġurisdizzjoni tiddeċidi fuq ir-reat;

Hemm raġunijiet oħra li jikkonfortaw lil din il-Qorti fil-konklużjonijiet tagħha;

L-artikolu 445 (3) tal-Kap. 12 ġà ċċitat jipprovdi illi fiż-

żmien stabbilit wara li l-Qorti ta' Istruttorja tkun waslet għall-konklużjoni li m'hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża u tkun illiberatu l-Avukat Ġenerali jista' joħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna lliberata jekk l-Imħallef li jkun skond dak l-artikolu jkun qabel miegħu li hemm raġunijiet biżżejjed biex joħroġ att ta' akkuża. Dan evidentement juri illi lanqas f'dik li hi deċiżjoni li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża l-leġislatur ma ta poter assolut lill-Qorti Istruttorja u f'dan is-sens toħroġ waħedha l-konklużjoni li taħt ebda ċirkostanza ma tista' l-Qorti ta' Istruttorja tiddeċidi b'mod illi ħaddieħor ikollu idejh marbuta. Għaliex x'jiswa l-artikolu 445 (3) tal-Kap. 12 jekk ikun hemm diġà deċiżjoni li l-azzjoni hi preskritta. Dik id-deċiżjoni ma tista' qatt tekwivali għal liberazzjoni fis-sens ta' *discharge* u bil-possibilità li l-każ jista' jerġa' jinfetaħ. Donnu l-appellat qed isostni illi l-Avukat Ġenerali xorta kellu r-rimedju ta' l-artikolu 445 (3) tal-Kap. 12. Però għal x'hix jekwivali dan l-argument. Ifisser li l-Avukat Ġenerali jgħaddi l-atti lill-Imħallef li jkun li jiddeċidi ukoll fuq il-preskrizzjoni u jekk ma jaqbilx ma' l-Ewwel Qorti jinħareġ l-att ta' l-akkuża. Imbagħad tingħata mill-ġdid l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni quddiem il-Qorti Kriminali. Id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Istruttorja fil-frattemp ma jistax jingħad li tkun ġiet irrevokata għaliex l-eżerċizzju kellu taħt l-artikolu 445 (3) mhux appell iżda biss eżerċizzju ta' l-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ għandu funzjoni li hi superjuri għal dik tal-Qorti Istruttorja. U din hi l-posizzjoni legali. L-Avukat Ġenerali appena jirċievi l-atti tal-kumpilazzjoni għandu ukoll funzjoni ġuridika. Jista', anke jekk il-Qorti Istruttorja tkun qalet li hemm raġunijiet biżżejjed biex joħroġ l-att ta' akkuża, jordna minflok in-nulla prosegwi. Jista' ma joħroġ ebda att ta' akkuża u jirrimetti lill-Qorti ta' Istruttorja biex tiddeċidi hi l-kawża jekk ikun il-każ u skond il-liġi. Jista' ukoll jekk il-Qorti Istruttorja tkun illiberat taħt l-artikolu 413 (2) ma jieħu ebda provvediment billi jibqa' passiv. Però f'dan il-każ xi tkun il-posizzjoni tgħidu l-liġi stess fl-artikolu 446 tal-Kap. 12: "L-

imputat, illi kontra tiegħu l-Avukat Ġenerali ma jkunx ordna l-arrest taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu ta' qabel dan, jew li jkun ġie lliberat minħabba li ma jkunx ġie ppreżentat l-att ta' akkuża jibqa' dejjem suġġett għall-proċedura mill-ġdid, li tinbeda regolarment quddiem il-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja, kull meta jinqalgħu provi ġodda". Dan kollu juri biċ-ċar primarjament żewġ kostatazzjonijiet u ċjoè li l-Avukat Ġenerali għandu funzjoni ġuridika f'ċerti każi anke superjuri għal dik tal-Qorti Istruttorja u inoltre li lanqas hu ma jista' jaġixxi b'mod illi jillibera direttament lill-persuna li tkun ġiet imputata. Jekk dan hu hekk kemm aktar ma tistax tagħmel l-istess il-Qorti ta' Istruttorja li kif ingħad il-ġurisdizzjoni tagħha hi limitata u ċirkoskritta u d-deċijoni tagħha soġġetta għall-iskrutinju ta' l-istess Avukat Ġenerali;

Oltre dan kollu din il-Qorti tara ukoll kontro-sens legali fl-ewwel waħda mid-deċiżjonijiet appellata. Infatti, jekk azzjoni hi preskritta hi preskritta u jieqaf kollox hemm. Inoltre, jinstemgħu l-provi għaliex jekk kif donnu ġie sottomess u ritenut hemm dejjem ir-rimedju ta' l-artikolu 445 (3) l-Imħallef adit mill-Avukat Ġenerali jista' ukoll jiddeċidi fuq il-kwistjoni u jew jaqbel jew ma jaqbilx għax jekk jaqbel jieqaf kollox hemm u jekk ma jaqbilx l-Avukat Ġenerali jista' jirrimetti l-atti lill-Qorti Istruttorja għall-ġbir tal-provi. Però hu evidenti mid-disposizzjonijiet ċitati li dak li jrid u għandu jiġi deċiż mill-Qorti ta' Istruttorja, mill-Avukat Ġenerali, u mill-Imħallef adit minnu hu biss hemmx raġunijiet biżżejjed biex jinħareġ att ta' akkuża u mhux jekk l-azzjoni hix estinta jew le. Jekk ir-reat hu ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali hija dik il-Qorti biss li tista' tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni u ħadd iżjed u l-liġi tipprovdi għal dan kemm għal dak li hu mod kif ukoll għal dak li hu terminu;

*Omissis;*

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi definittivament l-ħtija o meno ta' l-appellat għax fl-ebda ħin ma ddikajrat, kif del resto ma setgħetx fiċ-ċirkostanzi tagħmel, illi r-reati dedotti ma kinux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali iżda kienu ta' kompetenza esklussiva tagħha;

Illi meta lliberat fis-sens definittiv li ngħad lill-imputat kienet qed tiddeċidi fuq reati li ma kellhiex ġurisdizzjoni tiddeċidi fuqhom;

Illi għalkemm bil-vesti ta' Qorti ta' Istruttorja l-Ewwel Onorabbli Qorti ġiet li ddeċidiet bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura u l-aħħar deċiżjoni appella ma tistax ħlief titqies bħala sentenza vera u proprja;

Illi l-appell interpost hu fondat ukoll għax Qorti ta' Istruttorja ma tistax tillibera f'sens ta' *acquittal* imma f'sens ta' *discharge* biss;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost billi prevja r-riġett ta' l-eċċezzjonijiet issollevati mill-appellat tilqa' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u konsegwentement tannulla in toto l-aħħar waħda miż-żewġ deċiżjonijiet appellati ċjoè dik li biha l-imputat ġie lliberat a bażi ta' preskrizzjoni u kwantu jirrigwarda l-ewwel waħda mid-deċiżjonijiet appellati tirriforma dik id-deċiżjoni billi, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-provi, tirrevokaha in kwantu ddeċidiet li tħalli l-kwistjoni tal-preskrizzjoni biex tiġi deċiża f'għeluq il-kumpilazzjoni tal-provi u dan peress illi dik l-istess Onorabbli Qorti mhix komeptenti biex tieħu konjizzjoni u tiddeċidi fuq din il-kwistjoni fl-istadju ta' l-istruttorja u konsegwentement tibgħat il-kawża mill-ġdid lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.